

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetari](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Għal Talbiet Żgħar](#) > [Estonia](#)

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura għal Talbiet Żgħar

Il-kontenut ipprovdut minn
Estonja



Estonja

[Introduzzjoni](#)

[X'tariffi huma applikabbli?](#)

[Kemm ikolli nħallas?](#)

[X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?](#)

[Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?](#)

[X'għandi nagħmel wara l-ħlas?](#)

Introduzzjoni

Jekk tippreżenta rikors il-qorti fl-Estonja fil-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar, ikollok tħallas l-istess tariffa tal-istat daqslikieku ppreżentajt rikors nazzjonali. It-tariffi tal-istat u spejjeż proċedurali oħrajn huma rregolati mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u mill-Att dwar it-Tariffi tal-istat. It-tariffi tal-istat u l-ispejjeż proċedurali li jridu jitħallsu lill-qorti jistgħu jitħallsu biss bi trasferiment bankarju.

X'tariffi huma applikabbli?

Meta tippreżenta r-rikors tiegħek, ikollok tħallas tariffa tal-istat biex tkopri l-ispejjeż tal-proċedimenti.

Kemm ikolli nħallas?

Jekk tippreżenta rikors il-qorti fl-Estonja fil-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar, it-tariffa tal-istat li jkollok tħallas tkun l-istess daqslikieku ppreżentajt rikors nazzjonali. L-ammont tat-tariffa tal-istat jiddependi mill-ammont ta' flus li tkun qed titlob. Pereżempju, ikollok tħallas tariffa tal-istat ta' EUR 100 għal pretensjoni ta' EUR 500, tariffa tal-istat ta' EUR 175 għal pretensjoni ta' EUR 1 000, tariffa tal-istat ta' EUR 200 għal pretensjoni ta' EUR 1 500, u tariffa tal-istat ta' EUR 225 għal pretensjoni ta' EUR 2 000.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Trid tħallas it-tariffa tal-istat minn qabel meta tippreżenta rikors. Jekk ma tkunx ħallast it-tariffa tal-istat, il-qorti tagħtik l-opportunità li tħallasha sa data stabbilita mill-qorti. Jekk ma tħallasx it-tariffa tal-istat sa dakinhar, il-qorti tiċċad ir-rikors tiegħek.

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

It-tariffi tal-istat jistgħu jitħallsu biss permezz ta' trasferiment bankarju. Karti ta' kreditu mhumiex aċċettati. Għall-ħlasijiet kollha maħsuba li jsiru lill-grati, il-benefiċjarju huwa l-Ministeru tal-Finanzi.

Jekk tħallas it-tariffa tal-Istat bil-quddiem, trid tindika b'mod kemm jista' jkun preċiż fl-ispazju għall-ispjegazzjoni, il-proċedura li qed tħallas it-tariffa tal-Istat għaliha. Jekk tħallas it-tariffa tal-istat permezz ta' portal, eż. il-Portal ta' Reġistrazzjoni tal-Kumpanija jew l-e-File pubbliku, il-ħlas jingħata dejjem numru ta' referenza uniku marbut mat-talba speċifika.

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar il-kontijiet tat-tariffi tal-istat u n-numri ta' referenza tal-qrati fis-sit [web tal-Qrati Estonjani](#).

X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

Lill-qorti trid tipprovdiha l-informazzjoni li tikkonferma l-ħlas tat-tariffa tal-Istat, sabiex hija tkun tista' tivverifika li tkun irċeviet it-tariffa tal-istat. Din l-informazzjoni hija kif ġej: isem il-persuna li tħallas it-tariffa tal-istat, id-dettalji dwar il-bank u l-kont li t-tariffa tal-istat tħallset fih, l-ammont imħallas, u d-data tal-ħlas. Il-Qorti tista' tivverifika li tkun irċeviet il-ħlas b'mod elettroniku, jiġifieri m'għandekx għalfejn tippreżenta l-ordni tal-ħlas li jikkonferma l-ħlas tat-tariffa tal-Istat. Madankollu, il-qorti tista' titlobha, jekk ikun hemm bżonn.

■ L-aħħar aġġornament: 06/04/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.